# I T - T A R B I J A F I L - Ġ H I E Ż U L - M A G Ħ M U D I J A

*Din il-kitba hija addattata minn silta ta'informazzjoni dwar esperjenzi personali li* **Anġela Zerafa** *minn Ħal Qormi, kitbet lil Guido Lanfranco li permezz tal-programmi tiegħu dwar il-folkor ta' Malta u Għawdex fuq ir-radju RTK ta' kull ġimgħa jħajjar lis-semmiegħa iċemplulu waqt il-programmi jew jiktbulu tagħrif folkloristiku ġenwin biex ma jintilifx*

Dari il-miżżewġin mill-ewwel kienu jaħsbu għat-tfal. Ħafna minn dawk li jindunaw li se jsiru ommijiet, mill-ewwel huma stess jibdew jaħdmu xi ħaġa mill-ġhież tat-tarbija. Dan kien jikkonsisti, fost affarijiet oħra, minn sett tal-banju ta' l-enamel abjad bil-fjuri jew ikħal, bit-tripied fuqhiex jistrieħ, bis-sapuniera; iżda fuq kollox jaħsbu għall-ħwejjeġ li se jkollha bżonn it-tarbija.

Dawn il-ħwejjeg jew ġhież għat-tarbija kienu jkunu mqassmin kif ġej. Il-blajjeż, (lbiesi ta' fuq twal), il-qmejsiet (ilbies ta' taħt); il-faxx taż-żokra (strixxi ta' drapp mill-istess li minnu jagħmlu l-ħrieqi); il-fisqija twila u oħra qasira, aktarx maħdumin disinn spika, insiġ Malti, tkun wiesa' xi ħames pulzieri, ħoxna u twila; il-qlejba li tkun trianglu magħmula minn drapp artab; il-ħrieqi tax-xoqqa; il-ħrieqi tax-xugaman u tal-franelletta u oħra tal-franella, u fl-aħħar il-fustan, ħarqa oħra minsuġa aktarx f'Malta ta' materjal oħxon u ftit aħrax li għaliha ġie li użaw drapp tad-drill.

Meta tiġi it-tarbija, dawn il-ħwejjeġ kollha li semmejna jifirxuhom fuq xulxin fuq ġenb is-sodda, waqt li jħolluha għall-banju. L-ewwel ineħħu l-ħarqa tal-fustan, li mbagħad tiġi fil-wiċċ, warajha jitneħħew il-ħarqa tal-franella, tax-xugaman, tal-franelletta, (li hi irqaq mill-franella), dik tax-xoqqa, il-qlejba, u fl-aħħar il-faxxa taż-żokra. Malli tittella' t-tarbija mill-ilma sħun, ikollhom xugaman lest biex jixxuttaw, mill-ewwel iqegħduha fuq il-firxa li jkunu lestew, u jibdew jirromblaw l-ewwel il-faxxa taż-żokra; fuq iż-żokra jkunu poġġew tajjara bi ftit terra tal *one two three* għax kienu jgħidu li dik fiha iż-żingu. Wara il-faxxa tissallab il-qlejba li tkun drapp artab ħafna u wara jitkomplew dawk is-saffi ta' ħrieqi kollha wara' xulxin, u jispiċċa bil-ħarqa tal-fustan, għax hi l-iżjed ħoxna. Wara dawn jinfaxxaw bil-fisqija u t-tarbija tiġi qisha Bambin ta' Praga (qisha fi stoċċ dritt); aktarx kienu jaħsbu li b'daqshekk il-*baby* jikber dritt, u ma tantx ikun hemm ċans li tilwilu dahru jekk ma terfagħux bil-galbu. Mhix l-ewwel darba li meta jibdew jikbru xi ftit, lit-trabi ikollhom iħalluhom nofs fisqija, jiġifieri ma jgerrbuhomx sa isfel, u lanqas jitwulhom il-friex, għax ġie li jkunu mill-imqarbin u jkunu jridu jagħtu b'saqajhom.

Issa jmiss li jlibbsuhom il-bluża ta' fuq, libsa oħra twila, u skufja tas-suf maġduma bil-ganġ. Minbarra dawn kien ikollhom il-vavalori irrakkmati (jew il-pavalori, għax f'Ħal Qormi hekk kienu jgħidulhom); dawn kienu jkunu ħafna, għax kien ikollhom jinbidlu ta' spiss, għax malajr jixxarrbu. Miegħu kienu jegħmżu l-gażaża imdendla ma' xi ġiżirana b'labra żgħira, li meta jbidd-

lulhom kienet tkun ukoll tad-deheb, qisha labra rqiqa ta' l-inkravata. Inbagħad jgħattuhom bl-imleft, (biċċa franelletta twila bit-tarf irrakkmat bil-pizzi) u fuq kollox ix-xall tras-suf, li fuqu tinqaleb biċċa mill-imleft biex is-suf ma jmissx mal-wiċċ tat-tarbija, jew ma' għajnejha jew ħalqha għax kienu jibżgħu li xi ħajta tas-suf tista' tidħol f'ħalq it-tarbija u xxerraqha. Fuq kollox kienu jlibbsuhom *jersey* pariġġ l-iskufja, li it-tnejn kienu jkunu maħdumin b'disiniji sbieħ, bil-ganġ jew bil-labar tan*knitting*. Dawn il-ħwejjeġ kollha, ukoll manikotti tal-ħajt tal-marelli kulurit, kollha kienu jinħadmu aktarx mill-omm stess waqt it-tqala.

Ma ninsewx ukoll il-ħwejjeġ l-oħra tal-magħmudija. Dawn kienu il-bluża u l-kappa rrakkmata, l-iskufja u l-kappun ta' taħtha, il-pavalor pariġġ, u il-maktur abjad bil-pontina. Il-magħmudija kienet issir aktarx l-għada tat-twelid, għax kienu jemmnu li jekk jgħammdu qabel l-erbgħa u għoxrin siegħa, itellgħu ruħ mill-purgatorju, u wkoll li ma jmurx jiġri xi ħaġa lit-tarbuija u tmut mingħajr il-magħmudija. Xi uħud kienu jgħammdu ftit ġranet wara u jmorru l-knisja aktarx bil-mixi. L-ewwel kienu jimxu it-tfal ħut it-tarbija ma' xi zija jew kuġin, għax l-omm ma kienetx tmur il-knisja. Warajhom jimxi l-missier mal-parrinu u warajhom il-parrina bejn il-majjistra u r-reffiegħa tat-tarbija, li tibda tiftraħ kemm tista' il-kappa biex turi ir-rakkmu u l-finezza li fiha. Dak inhar l-irġiel aktarx jilbsu libsa sewda tad-djagunar, min ikollu, u in-nisa aktarx l-għonnel-la sewda.

Meta kien ikun hemm ftit tal-bogħod, kienu jikru karrozzin u kulħadd jitgezzez fih. Ġie li jkunu żewġ karrozzini; mhux biss, iżda wkoll kont issib, bħalma sar f'Ħal Qormi, li iġibu ż-żwiemel parilja, u fuq ras iż-żwiemel kienu jagħmlu rix roża jekk it-tarbija tkun tifla, jew ċelesti jekk tkun tifel. Minbarra x-xemgħa, xi nies kienu jġibu magħhom kuċċarun tal-fidda żgħir, mhux għax il-knisja ma kienx ikun hemm, imma biex wara jpoġġuh fil-vertrina u jistgħu jgħidu "ara b'dak il-kuċċarun tgħammdet....".

Wara l-magħmudija, avolja ftit nies, u fost il-ġimgħa, isir it-trattament. Kien ikollhom kikkra kokotina, aktarx tal-kawkaw, grogg *Brandy* tal-Qalb, grogg anizett, Benedittin, *vermouth*, u rożolin aħmar, aħdar jew isfar. Tortella ta' l-intrita, forma ta' qalb għall-parrini u oħra għall-majjistra; panedispanja, biskuttini forma ta' esse tar-raħal imżejna bil-ġelu, frott ta' l-intrita u biskuttini tal-lewż morr. Kważi kulħadd dawn kien ikollu; wara żmien bdew deħlin ik-kaxxi taċ-ċikkulatini.

---